MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Numru. 1030/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**LOUIS FORMOSA**

**(ID: 6370G)**

**Illum 9 ta' Gunju, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **LOUIS FORMOSA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 6370(G) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-23 ta' Frar 2012, ghall-habta tas-06:30hrs gewwa Triq il-Qasab, Birkirkara:

(1) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni UVY-004, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mark Paul Micallef skond kif iccertifika Dr. Carlo Refalo M.D. mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li jigi skwalifkat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom okkorrenza li tinsab a fol. 2 et sequitur, affidavit ta' WPS110 M. Scicluna li jinsab a fol. 8 et sequitur, certifikat mediku li jinsab a fol. 10, affidavit ta' Dr. Carlo Refalo li jinsab a fol. 12, *medical report* li jinsab a fol. 13 et sequitur u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Lulju, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. TE1 li jinsab a fol. 23 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru 2014.

Illi nhar il-15 ta’ Lulju, 2013 xehed **Stephen Cachia** u spjega li qed jixhed in rappresentanza ta’ Transport Malta. Gie mitlub jaghmel ricerka fuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni UVY-004. Mir-ricerka li ghamel jirrizulta li din il-vettura hija Mercedes Benz Glass Van ta' kulur abjad. Il-vettura hija registrat fuq Louis Formosa ID 6370(G) u ilha hekk registrata mill-5 ta' Novembru, 2008. Ipprezenta d-dokumentazzjoni li ghadu kif xehed dwarha u din giet markata bhala Dok. SC1.

Illi nhar il-15 ta’ Lulju, 2013 xehed **Mark Paul Micallef** u gie mitlub jispjega x'vettura jaghmel uzu minnha u spjega li kien jaghmel uzu minn mutur KTM 125. Mitlub jispjega ghaliex m'ghadux jaghmel uzu minnu dan il-mutur jghid li ma jistax ghax kien involut f’incident. Kien fit-28 ta’ Frar 2012 jiftakar *bejn* wiehed u iehor s-sitta u nofs (6:30), is-sitta u kwart (6:15) ta' filghodu. Mistoqsi fejn kien jghid li ma jafx x’jisimha t-triq ghalkemm jahseb li setghet kienet Triq Casolani. Spjega li kien wasal fuq l-istop *sign* tat-triq li kien, waqaf, hares jekk hux gejjin vetturi, hareg u kif kwazi wasal jigifieri fit-triq tieghu li kien sejjer fiha gie kklipjat minn wara mis-sur Formosa, dak li jiftakar li jista' jghid. Mitlub jispjega kif sar l-impatt, kif saret il-habta spjega li l-impatt gara meta kien tiela’ fit-triq tieghu kwazi wasal u kien ha jaqbad it-triq li kien sejjer go fiha, jigifieri qasam il-*cross roads* u hu diehel fit-triq

tieghu l-imputat kklipjah minn wara, tar minn fuq il-mutur u waqa' ma l-art fit-triq li kien sejjer fiha.

Jghid li jekk mhux sejjer zball kien hareg minn Triq Casolani, dak il-hin sehh l-impatt fuq wara tal-mutur. Mistoqsi mbaghad x'garalu spjega li habat ma' fanal tat-triq u spiccat ma l-art ghax kieku kien jispicca fil-Wied. Ovvjament jghid li ma jiftakarx kollox ghax mhux intilef minn sensih *per se* izda mhux l-affarijiet kollha li graw jiftakar ghax beda jgerfex daqsxejn imbaghad staqsewh certu mistoqsijiet jekk nezax il-*helmet* qalilhom ma jafx jigifieri kien ippanikjat ma jafx ghax tilef hafna dmija. Mistoqsi jekk meta rikeb kienx liebes il-*helmet* u ghalqux wiegeb iva dazgur, mela. Mistoqsi jekk diment li kien qed isuq il-*helmet* kienx ghadu fuq rasu huwa wiegeb iva mela Alla hares le. Mistoqsi jekk wara spiccax l-isptar u kemm dam ighid li ghamel bejn jumejn u tlett ijiem hemm. Imbaghad kien rikoverat id-dar, issa mbaghad f' Novembru 2012 kellu operazzjoni ohra u issa zviluppatlu *hypodraphic nonunion* u ghandu diffikolta biex l-ghadma tihhilja biex taghqad ma' xulxin. Mitlub jispjega ghaliex kien qieghed l-isptar, x'kellu, xi trattament ha u x'kienu l-*injuries* ezatt li kellu jghid li meta dahal l-isptar gie operat ghax kellu *fracture* fil-*left leg compound fracture* kiser l-*ankle metatarsils* minbarra griehi ohrajn. Mistoqsi jekk ghadux jiehu trattament spjega li ghadu jattendi l-*outpatients* Mater Dei u jiehu *pain killing tablets*.

Mitlub jispjega fuq l-impatt hu fuq liema naha tal-mutur tieghu qala' d-daqqa huwa spjega li d-daqqa qalghha fuq ic-chain guard u r-rim ta' wara tal-left. Mistoqsi b'liema parti tal-vettura l-ohra qala' d-daqqa spjega li ma jistax jghid. Mistoqsi jekk jafx il-vettura l-ohra x'kienet

spjega li kienet Mercedes Vito minghalih vann daqsxejn kbir. Mistoqsi kif aktar qabel ghamel referenza ghas-Sur Formosa ighid li jaf li is sewwieq kien jismu Formosa mid-dokumenti ta' l-iskecc u ta' l-*insurance*. Mistoqsi jekk dak il-hin kellmux spjega li iva kellmu u anke rah l-isptar. Mitlub jghid jekk jaghrfux jghid li qed igharfu bhala l-imputat fl-Awla. Mistoqsi x'kien id-diskors fuq il-post jekk qallux xi haga spjega li ma jiftakarx ezatt. Mistoqsi biex mar l-isptar iwiegeb bl-ambulanza. Mistoqsi jekk dakinhar qabel ma beda jsuq il-mutur kienx xorob xi alkohol spjega li le xejn. Jikkonferma li kien sejjer ghax-xoghol filghodu u kien gej mid-dar, saq mill-pompa tal-*petrol* ghax mar jaghti l-*petrol* u kien hemm il-wied dakinhar kien hemm ix-xita u dar lura. Mistoqsi b'kemm *speed* bejn wiehed u iehor kien qed isuq jghid li kemm qala' minn fuq l-istop *sign*, li kieku baqa' hiereg ma kienx jaqla' l-impatt, *maximum* ta' 30 jew 20 km/fs ma jafx. Mistoqsi xi hsarat garrab fuq dan il-mutur spjega li l-mutur tghawwiglu l-*handle bar* tan-naha l-ohra fejn nizel, kien hemm hsara fic-*chain guard*, fil-*foot rest* ta' wara ghax tinzel twila mal-mutur u daqqa gor-*rim* ta' wara u l-*indicator* ta' wara.

Mitlub jispjega kif messitu l-vettura x'gara u jekk baqax mal-mutur jew inbezaqx spjega li nbezaq minn fuqu ghax kien habat mal-fanal u dan qalulu s-sur Formosa stess meta mar jarah l-isptar. Mitlub jispjega bhala hsarat fil-vettura bil-mutur x'kellu spjega li kellu *handle bar* mghawga, *foot rest* ta' wara imkissra xi mera, *indicator* ta' wara u xi daqqa zghira fir-*rim* ta' wara. Mistoqsi jekk dawn sewwihomx spjega li le l-mutur ghadu fil-parapett bil-hsarat. Mistoqsi jekk ghamilx stima tal-hsarat spjega li le m'ghamel xejn.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi x'ried jghid meta uza l-kelma klippjah x'jigifieri huwa spjega li tah l-impatt fuq wara. Mistoqsi l-impatt il-mutur fejn hadu spjega li hadu fic-*chain guard*, fuq l-isprocket ta' wara u fuq ir-*rim* ta' wara u fuq il-*foot rest*. Mistoqsi jekk jafx ma' fejn kien l-impatt mal-vettura tieghu huwa spjega mal-*bumper*. Mostoqsi ma' liema parti tal-bumper spjega li jimmagina quddiem ghax ma bediex ihares ghax ma setghax jara minhabba li l-karozza tieghu kienet warajh.

Illi nhar il-15 ta' Lulju, 2013 xehdet **WPS 110 Maria Scicluna** u spjegat li tikkonferma l-kontenut tal-affidavit taghha li jinsab a fol. tmienja (8) tal-Process, inkwantu a fol. disgha (9) tikkonferma li dan huwa skecc maghmul minnha. Giet murija okkorrenza tal-Pulizija li tinsab a fol. tnejn (2) sa fol. sebgha (7) tal-Process u mistoqsija jekk tikkonfermax li hija l-okkorrenza li dahlet u hijiex minnha iffirmata hija spjegat li dak huwa l-istess wiehed li dahlet hi. Hija qieghda seduta stante iffirmat l-okkorrenza l-ahhar faccata a fol. *seven* (7). Mistoqsija mill-Prosekuzzjoni sabiex terga' tispjega daqsxejn it-triq ezatt fejn saret din il-kollizzjoni spjegat li dan gara Triq il-Qasab, *cross road* ma' Triq Dun Filippu Borg, Birkirkara. Mistoqsija meta gara dan l-incident spjegat li dan gara fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar, 2012 ghall-habta tas-sitta u nofs (6:30) ta' filghodu. Mistoqsija tispjega li hi bhala Surgent marret fuq il-post tghid x'sabet, hija spjegat li dan bazikament cemplulhom mill-isptar li kien ghadu kif sar incident fit-triq li ghadha kif semmiet. Huma marru fuq il-post sabet il-mutur JBQ-598 tas-Sinjur Mark Paul James Micallef fejn dan il-mutur kien mixhut mal-art fejn il-bankina u s-Sur Micallef kien imwegggha bilqieghda fuq il-bankina. X'hin kellmuh dan kien qallha li wegggha saqajh, u fel frattemp giet l-ambulanza u haditu l-

isptar. Mistoqsija jekk f'dak il-hin li kellmitu kienx f'sensih hija spjegat li kien f'sensih dejjem kien f'sensih baqa' jkellimhom normali, kien ovvjament mugugh ghax ovvjament kellu saqajh ix-xellugija mwegggha u hemm bdew ikellmuh in-nurses u wara dahluh fl-ambulanza. Dakinhar spjegat li kienet hafna xita niezla kontinwament kien ghadu lanqas sebah sew jigifieri u fuq il-post kien hemm is-Sur Louis Formosa li kien ix-xufier tal-vann UVY-004 li hi x'hin kellmitu kien jinstab taht xokk qawwi u x'hin qaltlu jekk ghandux bzonn assistenza medika rrifjuta dak il-hin u l-ambulanza telqghet bis-Sur Micallef l-isptar. X'hin kelmet lis-Sur Formosa dan qalilha li kien qed isuq minn Triq il-Qasab sejjer lejn Triq Mannarinu. Fix-xita li kienet ra mutur gej minn Triq Dun Filippu Borg. Triq Dun Filippu Borg kellu l-istop *sign* il-mutur, issa hu qal li x'hin rah kien ha jaqsam ma lahaqx waqaf sew, il-brejkijiet bejn kienet ix-xita u bejn li hariglu f'daqqa u laqtu b'quddiem tal-vann u tajru ghan-naha l-ohra tal-bankina. Ghamlet l-iskecc fuq il-post u ikkonfermat ma l-isptar li l-vitma li ittajjar ma kienx jinsab fil-periklu tal-mewt u regghet fethet it-triq.

L-istess xhud in kontro ezami giet mistoqsija jekk dak l-iskecc ghamlitux hi u spjegat li iva qieghed fil-file. Mistosqija jekk hija hux qed tghid li bazikament iz-zewg vetturi sabithom ezatt kif qeghdin f'dak l-iskecc hija spjegat li iva ezatti. Mistoqsija jekk hux qed tghid illi l-vettura l-Mercedes tas-Sur Formosa kienitx ezattament fin-nofs hekk u dik hija *cross road* ikkonfermat li iva fil-fatt, skond il-kejl li hadet iva hekk giet.

**L-imputat Louis Formosa** xehed minn jeddu u b'mod volontarju fit-12 ta' Marzu, 2015 fejn iddikjara li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar, tas-sena

elfejn u tnax (2012) ghall-habta tas-sitta u kwart ta' filghodu (6:15am) kien ghaddej minn Triq il-Qasab, Birkirkara u hares ghal Triq Dun Filippo minn fejn ma kien hiereg hadd. It-triq tieghu pero' kienet dritta. Huwa spjega li huwa kien qed isuq karozza tal-ghamla Mercedez Vito UVY-004. Kwazi meta’ qabez it-Triq Dun Filippo ghadda mutur sbrixx minn mieghu gas down fuq in-naha tal-lemin li qasam ghan-naha tax-xellug u dak il-hin ra ragel itir ghax sab il-bankina u l-mutur bezqu u kieku ma kienx hemm arblu tad-dawl li zamm mieghu kien jaqa' gol-wied. L-imputat esebixxa sett ritratti li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument LF. Huwa dakinhar kien ghaddej bi speed baxx hafna. Jiftakar li dakinhar it-triq kienet imxarrba u t-triq ma ttikx li ssuq. Dawn ir-ritratti li ghadu kif esebixxa kienu gew mehuda minnu dakinhar stess tal-incident. Dakinhar fil-fatt kien il-*main road user.* Huwa fil-fatt it-triq minn fejn hareg il-kwerelant Mark Paul Micallef hija *side street.*

L-imputat iddikjara li l-hsara fil-vann fil-fatt ftit kellu u dan ristrett ghal fuq il-bumper ta' quddiem u dan ghaliex il-mutur ghadda jhakkek minn mieghu, waqqalu n-*number plate* ta' quddiem u waqa' mhux ghax miss mieghu izda ghaliex sab il-bankina gholja u tar. Huwa lil dan ir-ragel rah itir wara li effettivament kien laqat il-bankina u mhux ghax tajru hu. Effettivament wara li l-vitma tar laqat arblu u waqa' fuq il-bankina. Naturalment inhasad ghaliex huwa gie mill-genb. Huwa spjega li hareg, staqsieh weggghax, qallu li kellu siequ tugghu u cempel l-ambulanza mill-ewwel. Kien hu stess li cempel l-ambulanza, sahansitra anke mar jarah l-isptar. Dak il-hin tal-accident fil-fatt il-kwerelant kien qallu li ma setghax jieqaf u huwa fehem ghaliex it-triq kienet imxarrba. Mistoqsi jekk qallux xi haga ohra meta mar jarah l-isptar qal li ma jiftakarx. Huwa

spjega li thallas tal-hsara ukoll minghand l-*insurance* ghaliex ma kienx ha t-tort.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015 fejn l-istess partijiet talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:-

l. L-imputat jispjega li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Mercedes van numru ta' registrazzjoni UVY-004 fuq triq principali maghrufa bhala Triq il-Qasab meta hareg mutur numru ta' registrazzjoni JBQ-598 minn *side street* u laqat il-bumper tieghu ta' quddiem u tar minn fuq l-istess mtuur, habat ma' arblu u spicca ma l-art midrub skond il-feriti kif deskritti mill-konsulent Dr. Ray Gatt.

2. Illi l-hsarat fil-vettura tal-imputat kienu *de minimis* u sahansitra anke l-hsara fil-mutur tal-vit6ma ma kienux kbar.

3. Illi l-vittma jghid li huwa kien hiereg minn side street ghal fuq main road, kien waqaf fuq *stop sign* u wara li hares biex jesplora t-triq principali hareg u appena qasam it-triq u kien wasal kwazi ghal naha l-ohra gie '*ikklipjat*' minn wara tal-mutur mill-imputat. Mistoqsi jispjega x'jifhem bil-kelma '*ikklipjat*' jghid li d-daqqa qalagha minn wara.

4. Dwar in-natura tal-feriti li subixxa l-vittma ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni li verament kienu ta' natura gravi.

5. Dak in-nhar tal-incident kien hemm hafna xita u t-triq kien imxarrba.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju.

L-**Artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"*

Dan il-provediment japplika wkoll f'kaz li l-feriti huma ta' natura gravi u ma jkunx hemm mewt skond l-**artikolu 226 tal-kap 9** tal-ligijiet ta' Malta.

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioe':-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;

2. kkaguna ferita ta' natura gravi;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta di valutazione*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

*1.* *la volontarieta dell'atto;*

2 *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

3 *la possibilita di prevedere.*

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija '*culpa*', ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-**Artikoli 225** u l-**Artikolu 226**. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-*nexus* bejn il-feriti gravi li ssubixxa l-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema *nexus* irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal*

*misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

**"Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** (*reckless driving)* hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-

probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**Sewqan perikoluz** (*dangerous driving)* jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."

(**vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950**). "

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi ndizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah *"esprit de voiture"*. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun

moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Jinghad li f'dan il-kaz l-imputat kien ghaddej fi triq principali bi speed normali f'jum meta kienet hemm hafna xita. Il-vittma kien qed isuq mutur u hareg minn side road u waqt li kien f'nofs it-triq principali gie milqut mill-imputat fuq il-parti ta' wara tal-mutur. Il-vittma jghid li jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif murija fl-isketch u ghalhekk jirrizulta li l-impatt sar fuq il-karreggjata t-tajba tal-imputat. L-imputat jghid li lanqas kien hemm bzonn jibbrejkja ghaliex ma kienx qed isuq mghaggel. Il-vittma jiddiskrivi l-agir ta' l-imputat billi jghid li 'iklipjah' speci ta' "*slow motion*."

**Responsabilta ghall-incident**

Li jirrizulta mill-atti, xiehda u sketch u okkorrenza tal-pulizija hu li l-imputat kien isuq fi triq principali fi triq li kellha vizwali tajba fiz-zewg direzzjonijiet. Il-vittma hareg minn triq laterali ghal fuq triq principali fejn hemm *stop sign* f'tarf l-imsemmija triq.

Skond il-**Highway Code, l-artikolu 91** jipprovdi li: "*Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road*".

**L-artikolu 84** jghid: *"Use extra care at junctions and intersections. STOP at STOP SIGNS".*

Kif inhu risaput fil-gurisprudenza in materja gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li: "*Is-'side road user' ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha, u li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara". "Il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt*." (Ara App.Civ. **Mag. A.Stagno Navarra vs N.Saliba** Vol XLV p1 p 389; **Il-Pulizija vs G. Buttigieg et** Vol XLV11 p4 p1198; VOl XLV1 p1 p 112; **Camilleri vs Dimech** App Civ. 27.7.91; **Portelli vs Spiteri** PA/JSP 16/12/93; PA **Gauci Maistre vs Galea** 22.2.94 JSP).

Id-dover tas-*side road user* hu li dan *"irid jidhol gol 'main road' bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux*". *Side road user* ma jistghax johrog go *main road* bl-izgiccaturi. App.Krim **Pul vs G.Gales** Vol 37 p 1108 "*Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox*". App Civ. **H.Farrugia vs R.Ripard**. 15.2.74.

Huwa veru wkoll illi kif abbondantement stabbilit il-*main road user* ma ghandux garanzija ta' innocenza assoluta u lanqas ma ghandu xi presunzjoni favur tieghu li l-iehor ma jgawdix ukoll. Hija biss ir-regola li hija ta' massima mportanza li s-*side road user* ghandu jieqaf u jcedilu d-

dritta sakemm jipprova jidhol fil-*main flow of traffic* u ghalhekk ghandu jadopera prekawzjonijiet mehtiega, imma l-grad ta' diligenza ta' kull *driver* preskritt mil-ligi huwa dak ta' diligenza ordinarja tar-*reasonable standard of care* ("**Giuseppe Bonnici *et* -vs-**

**Massimiliano Felice *et***", Appell Civili, 15 ta' Jannar 1971). Jinghad a propozitu illi "l-*main road user* m'ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun koinvolt *side road user*" - "**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966.

Minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta' jigi kwalifikat bhala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-vittma illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-*main road user* jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni. Ara "**Cecil Ellul –vs-Joseph Muscat**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

Illi fil-kaz in desamina jidher ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-vittma ma hax il-prekawzjoni mehtiega minnu meta kien ser johrog minn *side road* u ghalhekk ma zammx *proper look out* kif kien mistenni.

Illi huwa principju ben stabbilit ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "proper look out". Gie ritenut li:

*Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…*

*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well. (***Pulizija vs Roderick Debattista** Appell Kriminali deciz 26.05.2004*)*

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali rriteniet ukoll li … *biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...* (**Pulizija vs Joseph Grech** deciza 06.06.2003).

Illi ghalhekk jidher car li kien l-vittma li ma zammx il-*proper look out* meta gie biex johrog fuq it-triq principali u kien dan l-agir li jammonta ghal *nexus* bejn l-incident li sehh u l-feriti li ssubixxa l-istess vittma.

**Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat LOUIS FORMOSA hati u tilliberah minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------